# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA
## LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 3 ta' Frar 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 88/2017 BS**

**Michael Hili u Margaret Hili**

**-vs-**

**Mario Gatt għan-nom tal-kumpanija Gatt Properties Limited; George Said u George Farrugia għan-nom tal-kumpanija Zomman Company Limited**

## SENTENZA PRELIMINARI

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

[1] Fol. 1 sa 4.

(1) ILLI permezz ta' konvenju datat tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenuti [*sic*] kienu ntrabtu illi jbiegħu [*sic*] favur ir-rikorrenti il-ħanut [*sic*] mingħajr l-arja tiegħu u *in shell form* mingħajr numru iżda ser ikun magħruf bl-ittra 'B' fil-*ground floor level* ta' korp bini fi Triq il-Ħamrija, [*ix*-]Xewkija, Għawdex u l-*garage in shell form* u mingħajr l-arja tiegħu, li kellu jinbena fil-*ground floor level* tal-istess korp ta' bini u dan għal prezz kumplessiv ta' erbgħa u għoxrin elf lira Maltin (LM24,000) pari għal ħamsa u ħamsin elf disa' mija u ħamest Ewro (€55,905);

(2) ILLI fuq l-istess imsemmi konvenju r-rikorrenti konjuġi Hili kienu ħallsu lill-Vendituri s-somma ta' erbat elef u tmien mitt lira Maltin (LM4,800) pari ghal ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin Ewro (€11,181), liema pagament sar bħala depożitu akkont tal-prezz kif jirriżulta mill-istess konvenju;

(3) ILLI minkejja l-isforzi tar-rikorrenti l-kuntratt finali relattiv baqa' ma sar[*x*] u dana għar-raġunijiet imputabbli lill-konvenuti jew min minnhom u llum l-imsemmi konvenju tilef l-effetti legali tieghu kollha;

(4) ILLI minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi għar-rifużjoni tad-depożitu akkont tal-prezz fl-ammont ta' ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin Ewro (€11,181), fosthom permezz ta' ittra legali datata 16 ta' Novembru 2016 u ittra uffiċjali ta' Frar 2017, il-konvenju [*sic*][2] baqgħu inadempjenti.

**Talbu ghalhekk lil din il-Qorti:**

(1) Tiddikjara illi l-konvenju datat tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003) iffirmat bejn il-partijiet fir-rigward tal-bejgħ ta' rikorrenti il-ħanut [*sic*][3] mingħajr l-arja tiegħu u *in shell form* mingħajr numru iżda ser ikun magħruf bl-ittra 'B' fil-*ground floor level* ta' korp bini fi Triq il-Ħamrija, [*ix-*]Xewkija, Għawdex u l-*garage in shell form* u mingħajr l-arja tiegħu, li kellu jinbena fil-*ground floor level* tal-istess korp ta' bini, tilef l-effetti legali tiegħu kollha u dana peress illi l-kuntratt finali baqa' qatt ma' ġie [*sic*] ppublikat minħabba raġunijiet imputabbli esklużivament lill-konvenut(i);

(2) Konsegwentement tordna lill-konvenuti jroddu lura s-somma ta' ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin Ewro (€11,181) li r-rikorrenti ħallsu lilhom fuq l-imsemmi konvenju bħala depożitu akkont tal-prezz, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali mid-data tal-konvenju sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali kontra l-konvenuti illi minn issa huma [*i*]nġunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti[4] li eċċepew:**

1. ILLI preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti hija nulla u mingħajr effett għaliex il-konvenju li għalih q[*i*]egħda ssir referenza mir-rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħhom illum skada u ma għandux validità ai termini tal-liġi u dan

[2] Il-Qorti tifhem li hawnhekk ma jistax ikun hemm dubbju li r-rikorrenti riedu jgħidu li 'l-vendituri' ossia, il-konvenuti f'dawn il-proċeduri baqgħu inadempjenti.
[3] Il-Qorti tifhem li hawnhekk kellu jintqal "ta' bejgh lir-rikorrenti [...]."
[4] Fol. 15 sa 16.

jgħiduh "ex admissis" ir-rikorrenti stess fir-rikors promotur tagħhom;

2. ILLI dejjem preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti hija llum il-ġurnata preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. ILLI dejjem mingħajr preġudizzju l-intimati ma għandhom ebda ammont x'jagħtu lir-rikorrenti;

4. ILLI għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjes [*sic*].

**Fliet l-atti;**

**Rat** il-kopja fotostatika tal-konvenju in mertu ppreżentata mill-atturi b'nota tat-8 ta' Ġunju, 2018 u l-kopja fotostatika ta' nota ta' estensjoni tal-konvenju li ġeddet it-terminu tal-istess sad-19 ta' April, 2005;[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' April, 2018 il-kawża ġiet differita għall-provi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;[6]

**Rat** li fl-udjenzi tat-12 ta' Ottubru, 2018, is-7 ta' Diċembru, 2018, l-1 ta' Frar, 2019, id-29 ta' Marzu, 2019, l-24 ta' Mejju, 2019, l-10

---

[5] Nota a fol. 21, kopja tal-konvenju a fol. 22 sa 23. Il-konvenju ġie esibit għal darb'oħra ma' taħrika tat-8 ta' Marzu, 2021 – taħrika a fol. 70 sa 71 bil-kopja tal-konvenju a fol. 72 sa 73, din id-darba b'kopja wkoll ta' nota ta' estensjoni a fol. 74.
[6] Verbal a fol. 20.

ta' Lulju, 2020, is-6 ta' Novembru, 2020 ingħataw differiment għal probabbli transazzjoni;[7]

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta fil-5 ta' Marzu, 2021;[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2021 l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq;[9]

**Rat** in-nota ppreżentata mill-konvenuti seduta stante fil-15 ta' Lulju, 2022 bid-dokumenti maħruġa mir-Reġistru tas-Soċjetajiet li juru li s-soċjetà *Gatt Properties Limited* bin-numru C17748 għandha lil Mario Gatt bħala azzjonist, direttur, u rappreżentant ġudizzjarju mentri *Zomman Company Limited* għandha lil George Farrugia u George Said fl-istess karigi;

**Rat** li fis-seduta tal-15 ta' Lulju, 2022 il-konvenuti ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq;

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Semgħet it-trattazzjonijiet finali tal-abbli difensuri tal-partijiet** li saret waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru, 2022;

**Rat** li fl-istess seduta tat-18 ta' Novembru, 2022 il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzjonijiet preliminari;

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

[7] Verbali a fol. 38, 39, 40, 43, 44, 53, u 54.

**Mario Gatt**, rappreżentant ta' waħda mis-soċjetajiet konvenuti, xehed[10] in subizzjoni prodott mill-atturi li l-konvenju mal-atturi ġie ffirmat fit-8 ta' April, 2003. Jikkonferma li l-atturi kienu ħallsu depożitu ta' erbat elef tmien mitt liri maltin (Lm4,800). Jgħid li l-kuntratt finali ma sarx.

Rigward il-permessi għal bini jgħid li dawn ma ħarġux. Jgħid li l-kuntratt ma sarx għax ma ġiex imħedded. Jgħid ukoll li ma raddx lura d-depożitu lill-atturi.

Għad-domanda jekk kienx lest li jirrifondi d-depożitu mingħajr imgħax jinsisti li l-partijiet kienu għaddejjin bi trattattivi iżda ma waslux fi ftehim aħħari. Jgħid li kienu qed jippruvaw jaslu f'soluzzjoni għaliex huma (il-vendituri prospettivi) kellhom id-depożitu għandhom. Jerġa' jgħid li d-depożitu ma ngħatax lura.

**In kontroeżami**,[11] jgħid li sa fejn jaf huwa l-konvenju qatt ma ġie mġedded. Iżid li mill-2003 jekk xi darba rċevew ittra kien "dan l-aħħar […] forsi sena ilu, jekk irċevejna."[12] Iżid li wara dawk is-snin kollha jaħseb li m'għandhom jagħtu xejn lura lill-atturi "għax preskritt".

**Michael Hili**, l-attur, prodott in subizzjoni mill-konvenuti, xehed[13] illi huwa wara l-konvenju u fi ħmistax(15)-il sena

[8] Ref. fol. 68 sa 69.
[9] Verbal a fol. 79.
[10] Fol. 24 sa 30.
[11] Fol. 31 sa 32.
[12] Bil-kawża ġiet irreġistrata fl-14 ta' Novembru, 2017 u l-konvenju huwa datat l-2003.
[13] Fol. 33 sa 36.

m'għamel xejn għajr din il-kawża għax kienu jgħidulu li jimxu bl-irġulija. Iżid iżda li huwa dejjem kien jitlobhom il-flus.

**In kontroeżami**[14] jgħid illi l-konvenju sar darba u ma ġiex imġedded. Jgħid li wara l-konvenju saret biss l-ittra uffiċjali ta' Frar, 2017 u mbagħad il-kawża. Iżid li huwa ma jafx ta' min huma s-soċjetajiet li jidhru fuq il-konvenju.

**Margaret Hili**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[15] Tispjega li hi u żewġha ffirmaw il-konvenju tat-8 ta' April, 2003 mal-konvenuti sabiex jixtru garaxx bil-permess ta' ħanut. Tgħid li l-prezz tal-fond kien ta' erbgħa u għoxrin elf liri maltin (Lm24,000) ċjoè ħamsa u ħamsin elf disa' mija u ħames ewro (€55,905) u li dakinhar li ġie ffirmat il-konvenju huma ħallsu s-somma ta' ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin ewro (€11,181) bħala depożitu.

Tgħid li beda għaddej iż-żmien u l-bini tal-garaxx ma nbediex. Tgħid li huma kienu jkellmu lil George Farrugia li kien jgħidilhom li kollox sew u l-permessi dalwaqt joħorġu. Tgħid li hawnhekk indunaw li allura permessi tal-bini ma kienx hemm. Tgħid li ż-żmien baqa' għaddej bil-bini ma nbeda qatt. Iżżid li kemm George Farrugia kif ukoll Mario Gatt kienu jserrħulhom rashom li l-proġett kien ser isir. Iżżid li wara skoprew illi l-permessi ma kinux inħarġu billi l-konvenuti kienu kkommettew irregolarità meta waqqgħu kamra antika.

Tkompli li għalkemm huma talbu lill-konvenuti sabiex jagħtuhom id-depożitu lura, dawn bdew iġibu l-iskużi u baqgħu ma ħallsu xejn lura.

Tippreżenta sensiela ta' ritratti li juru sit mhux mibni.[16]

**In kontroeżami**[17] tgħid li preżenti meta ġie ffirmat il-konvenju kien hemm George Said, George Farrugia u Mario Gatt però ma tafx liema kumpanija kienet rappreżentata minn min.

Tispjega li matul il-ħmistax(15)-il sena li għaddew, wara li ġie ffirmat il-konvenju, hi u żewġha kienu jkellmu lil George Farrugia rigward id-depożitu.

**In rieżami**[18] tgħid li d-depożitu ma ntraddx lura però qatt ma qalulhom li ma tħallasx jew li mhux ser jintradd lura. Tinsisti li kienu jgħidulhom li ser jimxu bl-irġulija u li għalhekk hija kienet tifhem li ser jagħtuhom id-depożitu lura.

**George Farrugia**, rappreżentant ta' waħda mis-soċjetajiet konvenuti, xehed[19] li huwa kellu sehem mis-sit li kellu jiġi żviluppat inkluż fil-proprjetà li dwarha ffirmaw konvenju l-atturi. Jgħid li kien sar konvenju mal-atturi u li hu kien firmatarju fuq il-konvenju.

Jispjega li l-kuntratt finali tal-bejgħ ma sarx għax il-permessi kienu miżmumin u l-bini ma nbediex.

Jaċċetta li l-atturi ħallsu depożitu u li huwa ma raddilhomx lura dan id-depożitu minkejja li l-kuntratt miftiehem ma sarx. Jgħid li ma jistax jitkellem għal ħaddiehor. Iżid li ma jafx min żamm

---

14 Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022—traskrizzjoni mhux paġinata.
15 Fol. 59 b'dokumenti annessi a fol. 60 sa 62.
16 Ritratti a fol. 60 sa 62.
17 Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022— traskrizzjoni mhux paġinata.
18 Seduta tal-15 ta' Lulju, 2022— traskrizzjoni mhux paġinata.
19 Fol. 63 sa 66.

id-depożitu mħallas mill-atturi. Jiċċara li l-ftehim sar ma' *Zomman Company Limited* li tagħha huwa kien direttur.

Jgħid li skont hu d-depożitu għandu jintradd lura lill-atturi minkejja li l-konvenju skada u dan abbażi tal-irġulija.

## Ċ. Ikkunsidrat:

**Preliminari:**

Permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenju ffirmat minnhom mal-konvenuti fit-8 ta' April, 2003 illum tilef l-effetti tiegħu u dana billi l-kuntratt finali ta' bejgħ qatt ma ġie ffirmat għal raġunijiet li jaħtu biss għalihom il-konvenuti. Talbu għalhekk sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati jirrimborsawhom fis-somma ta' ħdax-il elf mija u wieħed u tmenin ewro (€11,181) liema somma kienet tħallset mill-atturi bħala depożitu akkont tal-prezz.

Min-naħa tagħhom il-konvenuti jilqgħu għat-talbiet tal-atturi billi jgħidu li l-konvenju li jagħmlu referenza għalih l-atturi skada irrimedjabilment b'dan li t-talbiet atturi huma għalhekk nulli u mingħajr effett. Jeċċepixxu wkoll il-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostnu ulterjorment li fi kwalunkwe każ l-ebda ammont m'huwa dovut minnhom lill-atturi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi din hija sentenza in parte relattiva għall-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mis-soċjetajiet konvenuti.

Is-soċjetajiet konvenuti jqajmu żewġ eċċezzjonijiet preliminari:

1. waħda li fl-essenza tagħha tgħid li ġaladabra l-konvenju in mertu skada irrimedjabilment, mela allura l-atturi ma kellhomx bażi li jintavolaw din l-azzjoni abbażi tiegħu, u;[20]

2. oħra li teċċepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.[21]

Relattivament għall-ewwel eċċezzjoni, jingħad li kif issoktaw jgħidu l-Qrati nostrani f'diversi deċiżjonijiet konsistenti tagħhom; il-fatt li konvenju jiskadi irrimedjabilment ifisser li dan jitlef l-effetti legali kollha tiegħu relattivament għall-promessa ta' bejgħ u xiri, l-obbligazzjonijiet li din iġġib magħha, u r-rimedji li toffri l-Liġi sabiex jiġi infurzat konvenju fejn dan jinżamm effettiv bil-proċedura relattiva applikabbli.

Konvenju li jiskadi ma jitlifx iżda l-effetti tiegħu relattivament għar-ritorn ta' depożitu mħallas fuqu, anzi; il-Qrati tagħna ssoktaw jgħidu bil-kontra u ċjoè li fejn konvenju jitħalla jiskadi irrimedjabiment, kull parti għalih:

> *[…] terġa' tirritorna għall-istat li kienet fih qabel ma sar il-ftehim għalhekk, ebda waħda minnhom li ħadet parti f'dak il-konvenju ma tiġi ssofri xi telf finanzjarju minħabba f'illi l-kuntratt tal-bejgħ ma jkunx sar.*[22]

L-istess ingħad fid-deċiżjoni mogħtija nhar l-4 ta' Diċembru, 1950 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Ellul Carmelo vs Said Raffaele pro et ne***, fejn ġie ritenut:

---

[20] Eċċezzjoni numru wieħed (1) fl-ewwel paġna tar-Risposta Ġuramentata liema paġna tinsab a fol. 15 tal-proċess.
[21] Eċċezzjoni numru tnejn (2) ukoll fl-ewwel paġna tar-Risposta Ġuramentata liema paġna tinsab a fol. 15 tal-proċess.
[22] Cassar Joseph vs Farrugia Victor, COA 3/9/1993 Vol.LXXVII.II.316.

> *Ebda ratifika posterjuri ma setgħet terġa['] toħloq dik l-obbligazzjoni, li tilfet l-effikaċja tagħha, għalhekk kwalunkwe ratifika li saret bejn l-appellant u l-propjetarji tal-fond dominanti wara l-għeluq tat-terminu stabbilit mill-liġi [sic] ma setgħetx tippreġudika d-dritt kweżit ta l-appellat [sic] li jinħall mill-obligu tal-konvenju.*[23]

Ukoll fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kummerċjali nhar it-18 ta' Novembru, 1988 fl-ismijiet ***Ciantar Aldo vs Vella Alfred*** fejn ġie ritenut:

> *Ħadt mill-kontendenti ma implimenta dan il-konvenju fit-terminu tal-validità tiegħu, u l-anqas ma ħadu l-miżuri ġudizzjarji li trid il-liġi biex jinfurzaw id-drittijiet u l-obbligi reċiproki stipulati fil-konvenju. F'sitwazzjoni simili, ir-riżultat ikun li l-partijiet jirritornaw għall-i'status quo ante', il-konvenut kellu l-mezzi a disposizzjoni biex jinforza l-bejgħ imma huwa m'għamel xejn u m'għandu xejn x'jillamenta fir-rigward jekk mhux l-inattività tiegħu.*[24]

Ir-ritorn għall-i*status quo ante* stante konvenju li sempliċiment jitħalla jiskadi jimplika r-rifużjoni ta' kwalunkwe ħlas li jkun sar fuq il-konvenju favur min għamlu. L-istess ma jkunx neċessarjament il-każ fejn konvenju ma jitħalliex jiskadi iżda jiġi infurzat bil-manjiera li tippermetti l-Liġi fejn imbagħad, jew jiġu infurzati l-bejgħ u x-xiri jew, f'każ fejn dan ma jistax isir; tittieħed deċiżjoni favur it-telf jew ir-ritorn tad-depożitu mħallas tenut kont tal-manjiera li bih tkun tħallas l-istess u/jew ir-raġunijiet għalfejn l-att finali ta' kompravendità ma jkunx seħħx.

[23] Vol.XXXIV.A.I.280.
[24] Vol.LXXII.IV.828.

Kwistjonijiet li f'każ fejn konvenju jitħalla sempliċiment jiskadi, Qorti ma jkollhiex għalfejn tidħol fihom.

F'dan il-każ, il-konvenju tħalla sempliċiment jiskadi, u dan kif jaqblu l-partijiet li lkoll jammettu li l-konvenju skada mingħajr ma ġie estiż u mingħajr ma sar l-att finali ta' kompravendità.

Fuq dan, din il-Qorti tosserva li tul il-proċeduri quddiemha, qabel ingħata d-differiment għal din is-sentenza parzjali, l-atturi talbu u ottjenew il-ħruġ ta' taħrika ta' xhud sabiex jixhed in-Nutar Kristen Dimech. Din it-taħrika ma ġietx segwita bin-Nutar qatt ma xehed. Magħha, iżda, kienet ġiet annessa kopja fotostatika tal-konvenju in mertu munit b'nota ta' tiġdid. B'dan iżda li l-istess tiġdid kien sad-19 ta' Otturbu, 2005 fejn allura, għalkemm jirriżulta żball f'dak li qalu x-xhieda li l-konvenju oriġinali qatt ma ġie mġedded, tali terminu mġedded ukoll skada irrimedjabilment.

Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma, kif sostanzjata wkoll minn deċiżjonijiet varji posterjuri għal din tal-lum—inkluż dawk iċċitati *supra*—li ġaladarba l-konvenju skada irrimedjabilment, kull parti għandha tirritorna għall-istat li kienet fih qabel ma sar l-istess konvenju, b'dan li ebda waħda minnhom m'għandha ssofri xi telf finanzjarju.

Dan iżda, jibqa' suġġett għad-deċiżjoni rigward it-tieni eċċezzjoni tas-soċjetajiet konvenuti.

Is-soċjetajiet konvenuti jeċċepixxu l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-paragrafu "f" tal-Artikolu 2156 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-proviżjoni taqra hekk:

> **2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *[…]*
>
> *(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Dan l-Artikolu għandu jinqara flimkien mas-subinċiż numru wieħed (1) tal-Artikolu 2160 li jrid illi:

> **2160.** *(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

F'dan il-każ, is-soċjetajiet konvenuti ma tawx ġurament minn jeddhom li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk id-depożitu ġiex imħallas. Għal kuntrarju, prodott jixhed in subizzjoni, Mario Gatt, għas-soċjetà konvenuta *Gatt Properties Limited*; jikkonferma li l-atturi kienu ħallsu depożitu ta' erbat elef tmien mitt liri maltin (Lm4,800), jikkonferma li l-kuntratt finali ma sarx, u jikkonferma wkoll li huwa ma raddx lura d-depożitu lill-atturi.

B'mod simili, u da parti tiegħu, George Farrugia, għas-soċjetà konvenuta *Zomman Company Limited*, mhux talli jikkonferma li l-atturi ħallsu depożitu li huwa ma raddilhomx lura minkejja li l-kuntratt finali ma sarx. Talli jżid li skontu, id-depożitu għandu jintradd lura lill-atturi minkejja li l-konvenju skada u dan abbażi tal-irġulija.

Kelma, din "l-irġulija" li ġiet ribadita diversi drabi mill-atturi u dan ix-xhud li miegħu jirriżulta li kienu l-aktar jitkellmu l-atturi.

Minn hawhnhekk, mhux talli ma jirriżultax ġurament deċiżorju favur l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mis-soċjetajiet konvenuti, talli iżda jirriżulta l-kontra, ossia; ammissjoni tad-debitu u bażi ta' ftehim għar-ritorn tal-valur reklamat mill-atturi msejsa fuq promessa tal-istess ritorn skont "l-irġulija". Tali ammissjoni tirriżulta mix-xhieda ta' rappreżentanti taż-żewġ soċjetajiet konvenuti.[25]

Magħdud dan, din il-Qorti anqas tħoss li għandha tissofferma ruħha dwar jekk seħħx ksur tal-preskrizzjoni b'ammissjoni tad-debitur a tenur tal-Artikolu 2133 tal-Kap. 16, liema ammissjoni jirriżulta ċar li seħħet.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari numru wieħed (1) u tnejn (2) tas-soċjetajiet konvenuti u tordna l-prosegwiment tal-kawża fuq il-mertu.

Bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni preliminari jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

[25] Il-validità tar-rappreżentanza tas-soċjetajiet konvenuti mix-xhieda nominati hija kkonfermata mhux biss mill-istess testimonjanza tax-xhieda iżda wkoll mid-dokumenti esibiti mill-konvenuti nfishom b'nota tagħhom tal-15 ta' Lulju, 2022— dokumenti maħruġa mir-Reġistru tas-Soċjetaijiet.